


# BIEX INŻOMMUK INFURMAT

Ġunju 2011 — Ħarġa Nru. 1


## Aħbarijiet fil-Qosor

- Wirt iż-Żejtun ġiet irreġistrata uffiċċjalment bħala għaqda volontarja.
- Waqqafna sotto-kumitat biex jieħu ħsieb jorganizza attivitajiet għat-tfal.
- Bdejna niktbu membri tfal fil-Klabb tat-Tfal ta' Wirt iż-Żejtun. Jekk għandek tfal ta' eta' bejn is-6 snin u 12 il-sena ibgħatilna id-dettalji tagħhom u ħeġġu ġenituri oħra biex jiktbu lil uliedhom. Tfal tal-membri jinkitbu bla ħlas.
- Aktar minn 8,000 klikk fuq is-sit elettroniku tagħna f'anqas minn tlett xhur.
- Wirt iż-Żejtun kienet mistiedna minn Din l-Art Ħelwa għat-tneddija ta' proġett ta' konservazzjoni tal-Villa Rumana taż-Żejtun.
- Ingħatajna id-drittijiet meħtieġa sa biex fuq www.wirtizzejtun.com niġbru u nippubblikaw arkivju ta' artikli b'rabta storika li ġew ippubblikati fil-kotba tal-festa li ġew mitbuħa fis-snin li għaddew mis-Soċjeta' Mużikali Beland, l-Għaqda Banda Zejtun, l-Għaqda Armar 25 ta' Novembru u l-Għaqda tan-Nar 25, ta' Novembru.

## Attivitajiet li kellna

Fl-20 ta' Marzu għamilna l-ewwel attivita' ta' Wirt iż-Żejtun li kienet mixja kulturali fit-toroq tar-Raħal t'Isfel. Għal din il-mixja kellna attendenza sabiħa ta' madwar tmenin persuna, b'uħud minnhom ġew minn barra iż-Żejtun, dan minkejja it-temp xejn sabiħ li kellna dak in-nhar. Wara il-mixja kellna kliem ta' inkoraġġament minn dawk li attendew.



Ftit ġranet qabel il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa għamilna attivita' oriġinali li kienet tikkonsisti f'intervista pubblika li għamlet il-ġurnalista Fiona Vella lit-Tabib Alexander Cachia Zammit dwar it-tifkiriet tiegħu taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Din l-istess intervista ġiet ukoll ippubblikata f'ġurnal lokali nhar Ħadd il-Palm. Barra minn hekk inġibed video ta' din l-intervista sa biex tibqa' arkivata. Minn hawn nirringrazzjaw mill-qalb lit-Tabib Cachia Zammit tal-informazzjoni interessanti li qasam magħna.



Fix-xahar ta' Mejju, barra li ħadna sehem fl-attivita' "Il-Parroċċa taż-Żejtun Tistiednek" għamilna ħarġa edukattiva għat-tfal f'Għar Dalam u l-Mużew tiegħu. Hawnekk it-tfal b'permezz tal-gwida ta' Heritage Malta ingħataw informazzjoni interessanti dwar l-istorja ta' dan is-sit importanti. Barra minn hekk it-tfal kellhom ukoll il-ħin biex huma wkoll jagħmlu skav arkeoloġiku.



## Attivitajiet Ippjanati

Flimkien mad-Dipartiment tal-Klassiku u Arkaeoloġija ta' l-Universita' ta' Malta, ser norganizzaw **żjara għall-membri ta' Wirt iż-Żejtun u l-ħbieb tagħhom fil-Villa Rumana taż-Żejtun.** Din ser issir waqt li studenti ta' l-istess Dipartiment ikunu qed jagħmlu skavi f'dan is-sit importanti li għandna fiż-Żejtun.

Għalek nistednuk għal din iż-żjara li ser issir nhar **il-Ħamis 30 ta' Ġunju fit-3:00 ta' wara nofs in-nhar**, minħabba ix-xemx u is-sħana li tista' tkun nirrikmandawlek li iġġib kappell jew beritta u flixkun ilma miegħek. Qed nippjanaw ukoll li fl-istess jum, Wirt iż-Żejtun tistieden il-media sa biex issir it-tnidija ta' simpożju nazzjonali li huwa maħsub li jsir fis-17 ta' Marzu tas-sena d-dieħla bit-tema "Il-Villa Rumana taż-Żejtun, fil-kuntest ta' Wirt Arkejoloġiku ieħor f'dawn l-inħawi".

**Fl-10 ta'Lulju** ser inkunu qed nilqaw fostna grupp mill-MIPP (The Malta Institute of Professional Photography) li talbu is-servizzi ta' Wirt iż-Żejtun sa biex indawwruhom iż-Żejtun waqt li huma jieħdu r-ritratti.

Matul is-sajf ser inkunu qed norganizzaw attivitajiet oħrajn maħsuba għaż-żgħażagħ u għat-tfal.

ĦEĠĠU LIL ĦBIEBKOM JIDDĦLU

**MEMBRI**

F'WIRT IŻ-ŻEJTUN

**NAWGURAWLKOM IL-FESTA T-TAJBA**